# Id-daqq tal-qniepen fil-Mosta - dari u llum

Kitba ta' Raymond Grech

Il-qniepen ma jdoqqux għalxejn. Kull meta jsemmgħu leħinhom ikunu jħabbru xi ħaġa jew isejħu lill-Insara lejn il-knisja. Ħarsa ħafifa lejn drawwiet missirijietna f'dan ir-rigward, u dak li fadal minnhom illum, turina kemm il-qniepen kienu u għadhom importanti fil-ħajja tal-parroċċa. Magħhna jaqsmu l-ferħ u n-niket tal-ħajja, mit-twelid sal-mewt.

## *Is-seba' qniepen li hemm fil-kampnari tar-Rotunda*

L-ordni li biha jindaqqu u l-laqam tagħhom:

1. Iż-żgħira mlaqqma 'ta' l-anġli'. Tindaqq biss fil-festi kbar tal-Knisja mal-qniepen l-oħra. Tindaqq ukoll weħidha fit-twelid jew mewt tat-trabi.
2. It-tieni waħda ngħidulha 'tal-mewt'. Tindaqq fit-tħabbira tal-mewt ta' xi persuna u f'kull funeral.
3. It-tielet waħda 'il-ġdida'. Għad li saret fl-1878 baqgħet dejjem magħrufa hekk; min jaf għaliex?
4. Ir-raba' hija 'tas-salib'. Fost id-dekorazzjonijiet li fiha fil-bronż hemm kurċifiss ukoll.
5. 'Il-fustanija' tidher fuq barra tal-kampnar tax-xellug.
6. 'Il-kbira', l-unika waħda fil-kampnar tal-lemin u tidher minn barra. Naturalment hi l-akbar qanpiena tal-knisja.
7. 'Id-Dumnikana' msejħa hekk għax inġiebet mill-knisja ta' San Duminku tal-Belt. Din ma tindaqqx fil-moti għax ma taqbilx magħhom fit-ton imma tintuża għad-daqq ta' l-arloġġ u biex biha jindaqq il-quddies fl-anniversarju ta' l-Inkurunazzjoni u f'Santa Marija.



*Il-Qanpiena msejħa 'Id-Dumnikana'*

## *Daqq tal-qniepen fil-ġranet ta' kuljum*

**Il-Pater Noster**

It-tokki bil-qanpiena l-kbira nofs siegħa qabel l-ewwel quddiesa tal-jum kienu jiftħu l-ġurnata. Fil-Mosta l-ewwel quddiesa kienet tkun fl-4.00 a.m. Allura s-sagristan fit-3.30 a.m. kien idoqq xi tnax-il tokk bil-qanpiena l-kbira. In-nies kienet tibda taħseb biex tqum għall-quddies u dak il-ħin tgħid xi talba. Ilum jindaqq biss fl-10 ta' Awissu u fl-Għid ta' l-Assunta.

**L-Angelus**

Fit-8.00 a.m., fl-12.00 p.m. u fi nżul ix-xemx kienu u għadhom jindaqqu ftit tokki bil-'kbira' biex in-nies isellmu 'l-Madonna bit-talba ta' l-Angelus.

**'Siegħa Lejl'**

Fit-8.00 p.m. kienu jindaqqu xi disa' tokki bil-'fustanija'. Kienu magħrufa hekk biex in-nies tibda tinġabar lejn darha għax wasal il-lejl. Naturalment illum m'għadhomx moda.

**'Ta' l-imwiet'**

Qabel jorqdu, in-nies kienu mħeġġa jiftakru fil-mejtin. Dan kien isir billi fid-9.00 p.m. jindaqqu xi disa' tokki bil-'kbira'. Illum din id-drawwa spiċċat ukoll.

**'Tal-Ħamis'**

Kull nhar ta' Ħamis wara l-Barka Sagramentali (filgħaxija) kienet tindaqq mota solenni (mingħajr il-qanpiena 'ta' l-anġli' biex tfakkar it-twaqqif ta' l-Ewkaristija nhar Ħamis ix-Xirka. Minn djarhom, niesna kienu jgħidu xi devozzjonijiet lil Ġesù Ewkaristija.

**'Tal-Ġimgħa'**

Nhar ta' Ġimgħa fit-3.00 p.m. il-qniepen kollha b'ton ta' niket ifakkru l-mewt ta' Kristu. Kienet u għadha tindaqq sal-lum, biex f'dan il-ħin għażiż wieħed jiftakar f'dak li għamel għalina s-Salvatur. Ma tindaqqx biss, meta taħbat xi festa solenni jew matul l-Ottava tal-Milied u ta' l-Għid.

**Twelid u mewt ta' trabi**

Kienet drawwa ħelwa fil-Mosta li meta jkun hemm twelid ta' tarbija l-familjari jordnaw dak li kienu jsejħulu l-Lawdi. Wara l-quddiesa tal-5.30 a.m. is-saċerdoti li jkun hemm fil-kor tal-knisja jkantaw xi innijiet ta' tifħir lill-Madonna u l-Qaddisin. Fl-aħħar jitkanta t-Te Deum b'radd ta' ħajr 'l Alla għat-twelid tat-tarbija. Waqt dan il-kant kienet tindaqq waħedha l-qanpiena 'ta' l-anġli' b'ton mgħaġġel għal ftit minuti. Minn darha n-nies kienet tkun taf li żdied xi parruċċan u trodd ħajr 'l Alla.



*Il-qanpiena 'ta' l-anġli' (xellug)*
*u l-qanpiena 'tal-mewt' (lemin)*

Waqt funeral ta' tarbija kienu jindaqqu wkoll tokki mgħaġġla bil-qanpiena 'ta' l-anġli' biss, imma jekk kien ikun funeral ta' ċertu livell kienet tiżdied ukoll 'tal-mewt'. Illum, għall-grazzja t'Alla l-funerali tat-trabi naqsu sew u meta jinqala' wieħed jindaqqu għal kulħadd dawn iż-żewġ qniepen. Id-drawwa li tindaqq 'ta' l-anġli' fit-twelid tat-trabi għosfrot ukoll bil-Lawdi b'kollox.

**L-Agunija**

Fil-Mosta għandna s-Sodalità ta' l-Agunija mwaqqfa fl-1686. Dawk li jkunu msieħba fiha u jkunu bl-agunija jsir talb speċjali għalihom mis-saċerdot inkarigat. Dan it-talb idum ngħidu aħna siegħa jew sagħtejn, skond kemm tixtieq il-familja ta' l-agonizzant. Kull siegħa jindaqqu disa' tokki bil-qanpiena 'il-ġdida' u kull nofs siegħa tliet tokki. Jekk l-agonizzant ikun qassis it-tokki jindaqqu bil-'fustanija'. B'hekk anki min ikun id-dar, jitlob għal min wasal biex iħalli din l-art. Din id-drawwa qaddisa tidher li qed tispiċċa ftit ftit.

**Il-Vjatku**

Meta jinqala' vjatku, il-poplu kien ikun avżat bit-tokki tal-qanpiena 'il-fustanija'. Is-saċerdot kien joħroġ mill-knisja bis-sagrament akkumpanjat l-aktar minn għadd ta' tfal subien bil-fanali f'idejhom. Dak il-ħin kienet tindaqq mota bi tliet qniepen biss – 'tal-mewt', 'il-ġdida' u 'tas-salib' – bħalma jindaqqu għar-rużarju ta' kuljum. Imma jekk il-vjatku kien ikun ta' qassis it-tokki kienu jindaqqu bil-'kbira' u fil-mota tiżdied ukoll 'il-fustanija'. B'hekk in-nies kienet tinduna jekk hux vjatku ta' qassis jew lajk.

**Trapassjoni**

Mewt ta' persuna mill-Mosta titħabbar hekk: jekk tkun miktuba fis-Sodalità ta' l-Agunija, it-trapasssjoni tibda bi tliet tokki bil-'ġdida' bħalma jindaqq waqt l-agunija. Jekk ma tkunx miktuba dawn ma jindaqqux.

Imbagħad jindaqqu xi tnax-il tokk b'tas-'salib', u tispiċċa b'tokki mgħaġġla bil-qanpiena 'tal-mewt'.

Mewt ta' Mosti li ma jkunx joqgħod il-Mosta tindaqq fi nżul ix-xemx (wara l-Ave Marija). Jekk ikun Mosti msiefer illum tindaqq wara l-quddiesa ta' filgħaxija. Dari kienet tindaqq wara 'siegħa lejl' fit-8.00 p.m. Mewt ta' qassis tindaqq l-istess imma bil-qniepen il-kbar u tindaqq ukoll 'il-Libera' jew 'ta' l-erwieħ' kif jindaqqu f'Novembru, b'dak it-ton ta' swied il-qalb. Mewt ta' soru u ta' patri jindaqqu differenti. Ta' soru tindaqq sal-'fustanija' u ta' patri tindaqq ukoll 'il-kbira'.

**Tas-Sawm**

Illum, lejliet l-Erbgħa ta' l-irmied, fi nżul ix-xemx jindaqqu t-tokki b' 'tas-salib' biex iħabbru li l-għada hemm l-obbligu tas-sawm. Qabel, dawn it-tokki kieni jindaqqu tul ir-Randan kollu u lejliet il-vġejjel tas-sollennitajiet li kienu wkoll bl-obbligu tas-sawm. Lejliet il-vġili ta' Santa Marija kienu jindaqqu bid-'Dumnikana'. Imbagħad fil-jum tas-sawm, fil-11.00 a.m. jindaqqu tliet tokki bil-'kbira', sinjal li wieħed jista' jiekol minn dak il-ħin, l-ikla ta' nofsinhar.

**Fil-festi tal-kappelli ż-żgħar**

Kienet id-drawwa li fil-festa tal-kappelli ż-żgħar il-qniepen tal-parroċċa jindaqqu ukoll fl-12.00p.m. u fil-għaxija. Għall-festi ta' l-Isperanza, San Anton u San Anard kienet tindaqq ukoll il-'kbira' matul il-moti, iżda għall-kappelli l-oħra kienet iddoqq biss sal-'fustanija'. Din id-drawwa illum spiċċat ukoll.

**Fil-festi ta' matul is-sena**

Fil-festi prinċipali tal-Knisja jindaqqu l-qniepen kollha waqt il-moti. Fil-festi l-oħra mal-qniepen ma tindaqqx 'ta' l-anġli' u hemm ukoll festi li lanqas il-kbira ma tindaqq. Kollox ivarja skond l-użanza. Il-moti ta' 12.00 p.m. iħabbru l-funzjoni ta' filgħaxija, ta' qabel il-funzjoni jsejħu n-nies lejn il-knisja u l-moti ta' wara l-funzjoni jħabbru l-funzjonijiet ta' filgħodu, li llum hija l-quddiesa kantata tad-9.00 a.m. Dari l-moti kienu jkunu aktar fit-tul, ħafna drabi tliet moti kull darba, jiġifieri tliet kwarti jew aktar. Fil-festi kbar kienu jdoqqu l-famużi 'ċerimonji'. Dawn kienu jkunu daqq mgħaġġel bil-qniepen 'ta' l-anġli' u 'tal-mewt' qabel kull mota għal ftit ħin. Illum dawn spiċċaw ukoll tista' tgħid minn Malta kollha, ħlief iż-Żurrieq nhar Santa Katerina (għal min forsi jrid jismagħhom). L-iskop tagħhom darba qaluli kien biex iżidu fis-solennità tal-festa.

**Daqq tal-qniepen f'Santa Marija**

Il-bidu tal-kwindiċina jitħabbar b'mota solenni ta' nofs siegħa bil-qniepen kollha, iżda tul il-kwindiċina tindaqq biss sal-'fustanija' waqt il-moti. Lejliet Santa Marija t-tokki ta' 12.00 p.m. jew ta' l-Angelus jindaqqu kwarta qabel biex f'12.00 p.m. eżatt, il-ħin li tidħol is-solennità ta' l-Assunta jintlaqa' bil-moti ferrieħa li jħabbru t-transulazzjoni u l-vespri ta' filgħaxija. Filgħaxija jindaqqu l-erba' moti għall-funzjoni u wara l-Barka Sagramentali jerġgħu jindaqqu erba' moti oħra biex iħabbru l-quddies kantat ta' jum il-festa filgħodu. Lejliet il-festa, waqt il-ġiġġifogu jindaqqu t-tokki bil-'kbira'. Dawn huma t-tifkira ta' dawk it-tokki li kienu jindaqqu lejliet il-Ħdud



*'Il-kbira' qed tindaqq waqt jum ta' festa*




*'Il-fustanija' u qniepen oħra qed jindaqqu minn żewġ voluntieri*

u l-festi kmandati wara ta' 'l-imwiet' biex iħabbru li l-arċipriet kien se jagħmel l-ispjega tal-Vanġelu l-għada fil-quddiesa tal-5.00 a.m. L-espressjoni li kienu jużaw għal dawn it-tokki kienet "qed inaqqar". Maż-żmien dawn it-tokki bdew jintrabtu ma' kull raddiena tal-ġiġġifogu u għadhom hekk sal-lum. Illum id-daqq tal-qniepen nhar Santa Marija, naqas sewwa. Dari wara l-Pater Noster kien jibda d-daqq tal-moti għall-matutin li kien ikun f'xi 5.30 a.m. Imbagħad erba' moti oħra għall-kantata u t-tokki bil-'kbira' sa ma jibda l-paniġierku kif għadu jindaqq sal-lum. Il-moti ta' 12.00 p.m. u ta' l-għasar u l-purċissjoni wkoll tkun akkumpanjata mill-qniepen il-ħin kollu. Id-daqq tal-Barka Sagramentali jagħlaq il-festa.

**Il-Barka**

Waqt il-Barka ta' Ġesù Sagramentat il-qniepen tal-knisja dejjem jindaqqu l-ewwelnett b'tislima lil Ewkaristija u t-tieni biex anke min ikun barra mill-knisja jew id-dar jinduna li Ġesù qiegħed jagħti l-barka Tiegħu. Għad-daqq tal-qniepen fil-barka, l-antiki kienu jinżlu għarkubbtejhom, iroddu s-salib u jgħidu tifħir lis-Sagrament, anke dawk li jkunu barra mill-knisja. Drawwa qaddisa li qed tonqos ftit ftit ukoll. Il-qniepen fil-barka għadhom jindaqqu imma ma nafx kemm għadna nuru rispett f'dan il-mument devot.

## *Għeluq*

Altru li l-qniepen ma jdoqqux għalxejn. It-tokki u l-moti li jindaqqu matulek ja sena, kollha jridu jwasslu messaġġ. Niftakru wkoll li l-qniepen ma jdoqqux weħidhom u allura trid min idoqqhom. Għall-grazzja t'Alla fil-Mosta minn dejjem kien hawn u għad għandna żgħażagħ u rġiel li jinteressaw ruħhom fil-